**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 235/21 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB ,** datat 10 ta' Gunju, 2021, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet, ikkontrattaw iz-zwieg taghhom, fl-10 ta' Dicembru 1994, u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg taghha anness u mmarkat Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Christine abela, datat 6 ta’ Jannar 2015, kopja ta’ liema qeghda tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn tmintax-il sena;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom aktar minn tmintax-il sena mifrudin minn ma’ xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda ammont pendenti ta’ manteniment bejniethom;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jghogobha :

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata, fejn ma opponietx it-talba.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |